# KISBA TA' KORS ĠDID F'LIVELL TA' DEGREE FIL-ĠURNALIŻMU




Il-Fondazzjoni Tumas Fenech għall-Edukazzjoni fil-Ġurnaliżmu ċċelebrat il-kisba ta' kors ġdid f'livell ta' Degree (MQF Level 6), BA (Hons) fil-Ġurnaliżmu, li se jibda fis-sena akkademika 2016-2017 fl-MCAST, billi għamlet preżentazzjoni ta' tifkira għall-okkażjoni lil Karl Wright, Chairman tal-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin.

Min-naħa tagħhom l-IĠM taw tifkira wkoll lill-Ambaxxatur Anthony DeBono, Viċi President tal-FTFEĠ, u lil Dr Andrew Azzopardi li ħadmu qatigħ biex dan il-kors jitfassal u jseħħ.

Fid-diskors tiegħu qabel ma ngħatat it-tifkira lis-Sur Wright, il-President tal-FTFEĠ, President Emeritu Dr Ugo Mifsud Bonnici, qal: "Qed nieħu pjaċir li se jiġi mniedi l-kors fil-Baċellerat fil-Ġurnaliżmu fl-MCAST. Ħadmu biex tingħata struttura lill-kors fil-Baċellerat fil-Ġurnaliżmu fl-MCAST diversi persuni, imma xtaqt insemmi b'mod partikolari lill-Ambaxxatur Anthony DeBono, lil Dr Andrew Azzopardi, lis-Sur Ian Attard mill-MCAST u s-Sur Karl Wright, Chairman tal-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin (IĠM), li qiegħed jieħu sehem sħiħ fit-tmexxija tal-Fondazzjoni.

"Il-Kors fl-MCAST se jkun l-ewwel pass biex il-professjoni ġurnalistika tingħata rikonoxximent uffiċjali u biex l-etika professjonali tal-ġurnalisti tiġi msaħħa bl-edukazzjoni. Saret proposta li qiegħda tiġi attivament ikkunsidrata illi 'l quddiem l-Università tibda toffri kors fil-livell ta' Masters fil-Ġurnaliżmu."

Min-naħa tiegħu, l-Ambaxxatur DeBono qal: "Qabel xejn, nixtieq verament nuri l-apprezzament tiegħi lill-Istitut tal-Ġurnalisti talli għoġobhom jagħtuni dan l-unur.

"Żgur xieraq ukoll li nrodd ħajr lill-membri tal-Bord tal-Fondazzjoni Tumas Fenech għall-Edukazzjoni fil-Ġurnaliżmu, taħt it-tmexxija tal-E.T. Dr Ugo Mifsud Bonnici, li xammru mhux ftit biex l-għan tal-Fondazzjoni jintlaħaq fl-interess tal-poplu Malti u Għawdxi kollu, li ma jixirqilhomx li ma jkollhomx l-aqwa talent professjonali fil-ġurnaliżmu.

"Naturalment iż-żewġ membri fuq il-Bord tal-Fondazzjoni, Karl Wright u Roderick Agius, flimkien mas-Segretarju Malcolm Naudi, mhux biss kienu strumentali imma kienu ċ-ċwievet li fetħu ħafna bibien biex wasalna niktbu l-istorja fil-qasam tal-Ġurnaliżmu fil-Gżejjer Maltin.

"Ħajr speċjali nwasslu lit-tmexxija tal-MCAST, fosthom iċ-Chairman Saviour Debono, u s-CEO Stephen Cachia li, flimkien mad-Direttur Stephen Vella u l-ispeċjalista Ian Attard, kienu anzjużi daqsna biex nirnexxu. L-għajnuna li stajt norbot fuqha ta' Tonio Portughese, iċ-Chairman tal-PBS, għenet bis-sħiħ biex il-PBS u l-Media Centre se jkunu ċentri tal-istudju prattiku tal-kors tal-BA fil-Ġurnaliżmu.

"Ix-xogħol li kien għamel żmien ilu Mario Schiavone, meta sawwar abbozz għall-kurrikulu tal-kors, kien ta' pedament tajjeb biex l-imgħallem ta' dan issuċċess, Dr Andrew Azzopardi, wasal biex fassal kors mill-aktar modern u li se jipproduċi ġurnalisti li jiffaċċjaw l-iżviluppi kollha tal-ħajja mgħaġġla tal-lum.

"Iżda fl-aħħar nett, u ċertament mhux l-inqas, mertu kbir għandu l-Ministru Evarist Bartolo, li meta l-E.T. Dr Ugo Mifsud Bonnici u jien kellimnieh sentejn ilu ma ħasibhiex darbtejn biex għamilna konferenza tal-aħbarijiet biex inħabbru l-pjanijiet tagħna. Matul dawn is-sentejn ħdimna f'għaqda sħiħa u talabni li nżommu infurmat pass pass biex fejn neħlu jiftħilna t-triq."

Il-prospett tal-kors, li se jintroduċi lill-istudenti għad-dinja tal-ġurnaliżmu, hu mistenni li jitħabbar fil-jiem li ġejjin. L-istudenti jkunu murija kif jagħmlu riċerka, jiddisinjaw, jiżviluppaw u jipproduċu kontenut tal-aħbarijiet li se jiġi ppreżentat lill-pubbliku f'varjetà ta' mezzi, fosthom karta stampata, radju, televiżjoni u l-internet. L-għan ta' dan il-kors hu li jħarreġ lill-istudenti biex ikunu prattikanti mgħallma fl-analiżi u r-rappurtaġġ ta' avvenimenti li jsawru l-ħajja tagħna u d-dinja ta' madwarna.

Għal iktar informazzjoni fuq dan il-kors ibgħat *email* lil career.guidance@mcast.edu.mt jew ċempel l-MCAST fuq 2398 7135.

# ĦAL FAR MODEL FLYING ASSOCIATION



Il-klabb Ħal Far Model Flying Association ikkommemora t-tieni sena minn meta reġa' beda juża l-art f'Ħal Far għal skop ta' titjir ta' mudelli ta' ajruplani billi organizza *scale meet*. L-attività ġġenerat attendenza sabiħa minn membri, familji u ħbieb. Kien hemm atmosfera ta' ferħ, u ikel u xorb ma naqasx. Intwerew diversi ajruplani replika u, peress li t-temp ippermetta, kien hemm titjir ukoll biex kompla żied mal-eċitament. Wieħed mill-attrazzjonijiet prinċipali kien mudell tal-klabb, Piper J-3 Cub ta' skala 1/3 li reġa' tar wara diversi xhur mhux fi stat li jista' jtir.

Bħala klabb, l-HFMFA tikkonsisti f'madwar 120 membru attiv u twaqqaf fl-1989. Il-klabb jista' jiġi kkuntattjat fuq info@hfmfa.com

# RELIKWA TA' SAN ĠORĠ MARTRI F'MALTA



Din is-sena l-parroċċa ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi qiegħda tiċċelebra l-275 anniversarju tal-istatwa titulari tal-qaddis patrun tagħha, minquxa fl-injam fl-1741 mill-Qormi Pietru Felici. Bħala parti mill-festi anniversarji li qegħdin isiru, din is-sena nġiebet relikwa tad-driegħ ta' San Ġorġ li tinsab fil-Mużew tal-Katidral ta' Ferrara fl-Italja. Din ir-relikwa tikkonsisti f'għadma middriegħ ta' San Ġorġ.

Fl-1110, il-Konti Roberto di Fiandra ħa d-driegħ ta' San Ġorġ fil-belt ta' Ferrara u tah lill-Kontessa Matilde. Din tatu lill-katidral tal-belt li kien iddedikat lil San Ġorġ fl-1135. Din ir-relikwa sarilha relikwarju ġdid tal-fidda fis-sena 1388. Ir-relikwarju tad-driegħ ta' San Ġorġ huwa xogħol ta' Bartolomeo a Relogio, iżda għal din l-okkażjoni ma nġiebx dan ir-relikwarju iżda ieħor tal-injam indurat maħdum fis-seklu tmintax. B'hekk ir-relikwa tkun tista' tidher sewwa; xi ħaġa li fir-relikwarju tal-fidda mhijiex possibbli.

Bejn l-1976 u l-1978 fl-università ta' Bologna sar studju fuq erba' relikwi ta' San Ġorġ: fuq dik ta' Al Velabro f'Ruma, ta' Venezja, ta' Borgo Vico, u fuq din ta' Ferrara. Dan l-istudju jikkonferma li l-għadam li jinsab f'dawn l-erba' relikwarji huma tal-istess persuna żagħżugħa, maskili ta' 1.65 metru tul, li miet meta kellu madwar 20 sena, lejn tmiem is-seklu tlieta jew bidu tas-seklu erbgħa. It-tagħrif xjentifiku li ħareġ minn dan l-istudju huwa sewwasew dak li dejjem qalet it-tradizzjoni fuq San Ġorġ.

Din ir-reliwa waslet Malta nhar l-Erbgħa 15 ta' Ġunju. Bejn il-15 u t-18 ta' Ġunju din ir-relikwa sejra tkun fil-bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex. Is-Sibt filgħodu r-relikwa tinġieb Malta u tkun esposta fil-kappella tal-Vitorja f'Ħal Qormi. L-għada l-Ħadd, fid-9.15 am ir-relikwa tinġarr minn din il-kappella lejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Għaż-żjara ta' din ir-relikwa, l-organizzaturi ħasbu f'xi persuni li ma jkunux jistgħu jiġu Ħal Qormi, għalhekk it-Tnejn filgħodu, 22 ta' Ġunju, ir-relikwa sejra tkun fir-residenza tal-anzjani San Vincenż de Paule, it-Tlieta filgħodu fil-monasteru ta' Sant'Ursula fil-Belt Valletta u l-Erbgħa filgħodu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Is-Sibt 25 ta' Ġunju ssir it-translazzjoni biha mill-kappella tal-Vitorja sal-knisja parrokkjali. F'jum il-festa ta' San Ġorġ, il-Ħadd 26 ta' Ġunju, din ir-relikwa tinħareġ mal-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ, li qed ikun iċċelebrat il-275 anniversarju tagħha.